## GIMGHA TAL-PERSUNI B'DIZABILITÀ 2001
## MINI-PARLIAMENT

### L-IMPORTANZA TAL-KOMUNIKAZZJONI GHALL-PERSUNI B'DIZABILITA'

Onorevoli Mr. Speaker, sinjuri. Insellmilkom.

Il-komunikazzjoni hi l-bazi li fuqha nibnu r-relazzjonijiet ta' bejnietna. Hafna nies jikkomunikaw permezz tal-kliem mitkellem u miktub. Imma ohrajn, fosthom persuni b'dizabilita', isibuha difficli biex jikkomunikaw b'metodi konvenzjali. Minflok dawn xi kultant ikunu jridu jikomunikaw permezz ta' mezzi alternattivi.

Niehdu per ezempju persuni neqsin mis-smigh. Meta titwieled tarbija deaf, importanti li jkun hemm intervenzjoni bikrija sabiex din it-tarbija jkollha access ghal mezzi ohra ta' komunikazzjoni, fosthom il-lingwa tas-sinjali. Fil-fatt din il-lingwa hi importanti hafna ghal persuni neqsin mis-smigh. U hu importanti hafna li dawn il-persuni jkunu jistghu jaghmlu uzu mis-servizzi ta' interpretu tal-lingwa tas-sinjali kull fejn huma jkollhom bzonn. Dan jista' jkun fil-klassi, fuq il-post tax-xoghol, waqt li jkunu qed juzaw servizzi fil-komunita' jew waqt li qed jattendu laqghat. Is-servizz ta' interpretu diga jezisti imma hemm bzonn li aktar nies jaccettaw li persuni b'dizabilita' jaghmlu uzu minnhom kull meta jkollhom bzonnu. Tajjeb ukoll li professjonisti bhal tobba, social workers jew pulizjia jkunu jafu ftit sinjali bazici. Hemm min hu nieqes mis-smigh u jaqra x-xufftejn. Dawk li jkollhom x'jaqsmu maghhom ghandhom ikunu mharrgin biex ikunu jafu kif ghandhom igibu jitkellmu b'mod li dawn il-persuni jkunu jistghu jifhmuhom.

Il-kelma miktuba wkoll hi mezz importanti ta' komunikazzjoni ghal min hu nieqes mis-smigh. Dan

ighodd b’mod specjali ghat-televizjoni fejn ghandu jkun hemm l-ghazla ta’ sottotitoli ghall-programmi kollha ghax dawn ighinu lil min hu nieqes mis-smigh biex isegwi dak li jkun qed jintqal. Bhalissa l-PBS qed jaghmlu ahbarijiet bis-sinjali, u din hi haga tajba hafna. Imma tajjeb li jkun hemm sottotitoli ghal programmi Maltin. Fil-kaz ta’ programmi li jinxtraw minn barra, hafna drabi dawn diga jkollhom sottotitoli bl-Ingliz u li ghad hemm bzonn li l-programmi jigu akkwistati bis-sottotitoli b’kollox.

Il-hearing aid hi apparat bzonnjuz hafna ghal min ghandu nuqqas ta’ smigh. Hemm bzonn li l-isptar jaghtuna l-hearing aids li huma addattati ghalina u li jkollhom is-setting tajjeb skond in-nuqqas tas-smigh taghna. U l-apparatt iehor bhal moulds jaghtulna f’hin tajjeb u mhux jdumu hafna gieli xhur. Barra minn hekk, hu importanti li fl-ghoti ta’ dan l-apparta ikun hemm gustizzja. Fil-prezent id-Dipartiment tas-Sahha jaghti kollox lil min jaghmel Cochlear Implant – operazzjoni barra minn malta li tiswa l-eluf, radio aids etc. Imma min ma jaghmilx din l-operazzjoni jrid jixtri kollox hu.

Fil-kaz ta’ persuni neqsin mid-dawl, dawn isibu diffikulta’ ta’ komunikazzjoni f’ambjenti li jiddependu fuq il-lingwa miktuba. Ghalhekk, kull tip ta’ informazzjoni li hi miktuba ghandha wkoll tkun offruta bil-Braille jew ahjar fuq audiotape biex b’hekk ikunu jistghu jaghmlu uzu minnha min hu ghama, min ghandu nuqqas ta’ dawl u minn dawk li ghandhom diffikulta’ biex jaqraw.

Gruppi ta’ persuni ohra li jistghu jsibu diffikulta’ biex jikkomunikaw huma dawk li ghandhom nuqqas intelletwali kif ukoll dawk li ghandhom nuqqas ta’ sahha mentali. Hafna drabi, dawn il-persuni li jifhmu dak li qed jigi komunikat b’mod konvenzjonali u jkollhom bzonn ta’ spjegazzjonijiet aktar semplici u anke permezz ta’ stampi. Hu importanti hafna li min qed jaghmilha ma’ persuni

bhal dawn jifhmu li jekk juzaw ftit pacenzja u ftit immaginazzjoni, huma wkoll ikunu jistghu jinftehmu ma’ min ghandu diffikultajiet intelletwali.

Hu importanti hafna li nifhmu li l-komunikazzjoni hi essenzjali ghal kulhadd ghax minghajrha ma nistghux nibnu relazzjonijiet. U hu aktar u aktar importanti li nifhmu li mhux kulhadd jikomunika bl-istess mod u ghax persuna ta’ tikomunikax bil-mod li ahna l-aktar familjari mieghu ahna ma jfissirx li ma jezistux mezzi alternattivi kif nikomunikaw ma’ xulxin.

Grazzi.

---